BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 10/09 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 14 ta' Ottubru 2009 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 09/09 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. S.Cuschieri ipproponiet u J.Baldacchino issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/10 -* Bħas-snin preċedenti il-Grupp Armar tal-Festa resqu talba lill-Kunsill sabiex jarmaw il-Bajja s-Sabiħa bl-armar tal-Milied għal atmosfera sabiħa għall-prezz ta' €550. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li qabel tikkonferma tagħmel laqgħa mal-Grupp.

*02/10 -* Tressqet talba minn Birżebbuġa Taekwondo Club sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu mis-sala ta' l-iskola għall-ġurnata *extra* fil-ġimgħa sa Diċembru li ġej ħalli jħejju aħjar għall-kompetizzjonijiet li ser isiru waħda f'Malta u l-oħra fi Sqallija. Fuq *policy* li l-Kunsill kien għadda f'Seduta Nru. 02/09, il-Kunsill ma laqax din it-talba.

*03/10 -* Ġenituri li joqogħdu l-Qajjenza u għandhom it-tfal jattendu d-dutrina fil-mużew ta' Triq F.M.Ferretti resqu talba sabiex issir *zebra crossing* f'din l-istess triq. J.Baldacchino ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li din it-triq hija wiesa' u għalhekk ikun għaqli li jekk issir iż-*Zebra Crossing* issir b'*pelican lights*. Għaldaqstant il-Kamra qablet li għanda tinġieb kwotazzjoni.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra ġiet infurmata li minn nhar is-Sibt, 17 ta' Ottubru 2009 l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill ser jibda jkun miftuħ għall-pubbliku kull nhar ta' Sibt. Is-Segretarju innotifikat lill-Kamra bil-proċedura għall-ingaġġ tal-*part-timers*, fejn wara li ma applika ħadd minn mal-Kunsilli, rċevejna lista mill-ETC ta' persuni eleġibbli. Dawn għandhom jibagħtu C.V. sabiex wara nagħmlu l-intervisti. Il-Kamra qablet li għall-intervisti jkun hemm bord magħmul mis-Sindku J.Farrugia, il-V/Sindku J.Baldacchino, il-Kunsilliera S.Cuschieri u s-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħmel rakkomandazzjoni.

***AĠENDA -4***

Ġie ppreżentat fuq il-mejda tal-Kamra r-Rapport Finanzjarju li jkopri l-perijodu ta' tlett xhur bejn 1 ta' April 2009 sat-30 ta' Ġunju 2009. Dan ġie approvat mill-Kamra.

***AĠENDA -5***

Il-Kamra għaddiet biex tiddiskuti l-offerti pubbliċi u kwotazzjonijiet :-

a) Kwotazzjoni għal Servizz ta' *Internal Audit* :

| | | |
|---|---|---|
| Offerta 1 - | Joseph Piscopo | €2640.00 |
| Offerta 2 - | Anatole Baldacchino | €3494.06 |
| Offerta 3 - | Anthony A.Chircop | €2800.00 |
| Offerta 4 - | Erremme Business Advisors | €1400.00 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel Kuntrattur Nru. 4 - Erremme Business Advisors għas-somma ta' €1400 peress li kien l-orħos wieħed.

b) Offerta Pubblika Nru. 04/09 - Tindif ta' Żoni mhux Urbani

| | | | |
|---|---|---|---|
| Offerta 1 - | Saviour Mifsud | *Average Price* - | €182.00 |
| | | kull metru - | €0.1164 |
| Offerta 2 - | Ronald Bezzina | *Average Price* - | €426.07 |
| | | kull metru - | €0.25 |

Wara diskussjoni l-Kamra qablet li tagħżel Kuntrattur Nru. 1 - Saviour Mifsud peress li kien l-orħos wieħed.

***AĠENDA -6***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2009. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €54166.48 titħallas skond Skeda Nru. 10/09.

***AĠENDA -7***

1) Is-Sindku informa l-Kamra li fis-seba' anniversarju tal-ftuħ tad-*Day Centre* l-anzjani għamlu talba għal TV għaliex li kellhom m'għadux tajjeb. Il-Kamra laqgħet din it-talba. Ukoll is-Sindku ssuġġerixxa sabiex tintalab l-approvazzjoni ta' l-*ex*-Ministru Dr. Antoine Mifsud Bonnici sabiex fid-*Day Centre* jitwaħħal ritratt tiegħu bħala ringrazzjament talli kien għen lill-Kunsill fil-ftuħ taċ-Ċentru.

2) R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li fi Triq Il-Qajjenza ħdejn Ristorante Ferretti qiegħed jinħareġ ħafna skart bil-konsegwenza li qiegħed jitqatta' mill-klieb u jixxerred. Il-Kamra qablet li għandha tinkiteb ittra lil Ristorante Ferretti sabiex jagħmel *skip* għall-iskart li jiġġenera.

3) J.Borg informa l-Kamra li ser isir *Seminar* lokali għall-għaqdiet u li hu bħala *Chairman* għaż-Żgħażagħ u Għaqdiet Filantropiċi fi ħdan il-Kunsill ġie mistieden sabiex jattendi u jagħmel diskors. Ukoll innotifika lill-Kamra li l-Kunsill ser jieħu sehem fil-proġett tal-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ 2009/2010 mniedi mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. J.Borg ħeġġeġ lill-Kunsillieri sabiex javviċinaw żgħażagħ bejn l-14 u 18 -il sena sabiex japplikaw.

4) Is-Sindku nforma l-Kamra li saret laqgħa mal-Freeport fejn flimkien miegħu attendew J.Baldacchino, T.Roberts u l-Perit Carmel Cacopardo u li saret pressjoni ħalli l-Freeport jagħmel *Environmental Impact Assessment*. Waqt din il-laqgħa ż-żewġ partijiet qablu li laqgħat bħal dawn għandhom isiru regolarment.

5) Il-Kamra ġiet infurmata li :-

- l-*aircondition* fis-Sala tlesta
- il-*Bye-law* li tirregola l-*Barbecues* fil-Mellieħa ġiet approvata mill-Parlament. Għaldaqstant il-Kamra qablet li terġa tippreżenta l-*Bye-Law* li kienet ġiet irrifjutata dwar *Barbecues* f'Birżebbuġa.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 4 ta' Novembru 2009 fil-5.30pm. .

.......................................... ..............................................

**Joseph Farrugia** **Maria Galea**

**Sindku** **Segretarju Eżk.**

| ***Schedule of Payments 10/09*** | | | |
|---|---|---|---|
| ***Period 01/10/2009 till 31/10/2009*** | | | |
| ***Cheque*** | ***To*** | ***For*** | ***Amount Euro*** |
| 7468 | Maltapost | Stamps | 95.00 |
| 7458 | R.Testa | Student - Parlament taz-Zghazagh | 30.00 |
| 7461/2 | Tony Digby | Monument | 714.65 |
| 7463 | Joseph Farrugia | Reimbursed Expenses - Aug 09 | 146.60 |
| 7466 | OPM | Tenders Advert - Malta Independent | 100.00 |
| 7467 | Dipartiment ta' Informazzjoni | Tenders Advert - Gov Gazette | 18.64 |
| 7495 | Wage | Support Services August 09 | 523.95 |
| 7469 | AKL | Laqgha Kunsillieri -Xlokk | 250.00 |
| 7471 | Inland Revenue Dept | NIC & PAYE Aug 09 | 1256.20 |
| 7412 | Bernardette Pace | Money Bucharest - Did not use and Returned Cash | 500.00 |
| 7452 | Charles Farrugia | Summer Computer Courses | 1190.00 |
| 7459 | David Camilleri | Garage Rent Triq Santa Marija | 1068.00 |
| 7525 | J. Farrugia Ironmongery | Various Hardware Supplies | 523.35 |
| 7528 | Bezzina Ronald & Chris | Extra Work | 25.00 |
| 7536 | JM Installations | Light Repairs | 1808.32 |
| 7524 | Andrew Fleri Soler | Copier Repair | 25.00 |
| 7547 | Mario Ciantar | Music Service - Jum Birzebbuga | 100.00 |
| 7548 | Gloria Arpa | Entertainment Service - Jum Birzebbuga | 95.00 |
| 7550 | Aldo Busuttil | Music Service - Jum il-Vitorja | 100.00 |
| 7538 | General Ecological Services Ltd. | Washing of Street | 137.43 |
| 7555 | Vassallo Rodney | Compare Service - Jum Birzebbuga | 177.00 |
| 7539 | Kumitat Kongunt Zurrieq | LES Services - May & June 09 | 10592.12 |
| 7540 | Saviour Mifsud | Cleaning of Non-Urban Roads | 10556.40 |
| 7541 | Vodafone Malta Ltd | Telephone Expenses | 32.81 |
| 7542 | Go | Telephone Expenses | 344.95 |
| 7551 | Mary Doris Aguis | Line Dancing - Jum Birzebbuga | 35.00 |
| 7513 - 16 | Salaries | Salaries and Wages Sept. 09 | 4414.80 |
| 7517 | Farrugia Joseph | Reimbursed Expenses - Sep 09 | 146.60 |
| 7518 | Inland Revenue Dept | PAYE & SSC Sep 09 | 1225.54 |
| 7531 | Mifsud Saviour | Mechanical Sweeping Sep 09 | 1151.50 |
| 7532 | ELC | Cleaning of Public Gardens Sep 09 | 1147.92 |
| 7533 | New Era Waste Services | Street Cleaning Sep 09 | 2293.58 |
| 7529 | Bezzina Ronald & Chris | Cleaning Public Conv. Sep 09 | 1017.29 |
| 7534 | RVS Ltd. | Refuse Collection Oct 09 | 6878.90 |
| 7530 | Bezzina Ronald & Chris | Cleaning of Public Places Sep 09 | 332.92 |
| 7501 | Commissioner of Police | Police - Jum il-Vitorja | 38.26 |
| 7527 | Scicluna Louis | Flowers | 57.00 |
| 7526 | J. Brincat | Newspapers - Aug 09 | 45.21 |
| 7549 | Best Print | Bookmarks & Flyers | 413.00 |
| 7545 | Citadel Insurance | Insurance - Kunsill | 2097.41 |
| 7556 | Falzon Anthony | Compare - Jum il-Vitorja | 20.00 |
| 7535 | Angelo Cutajar | Handyman Services | 631.68 |
| 7543 | Alfred Schembri | Kerbs slabs and droppers | 129.80 |
| 7523 | Duraprint | Stationery | 200.60 |
| 7554 | Michael Magro | Reimbursed Expenses | 40.00 |
| 7553 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | 40.00 |
| 7552 | Hamrun Scouts | Jum l-Indipendenza | 233.00 |
| 7560 | Mary Jane Cutajar | Garage Rent - Nov till Jan 2010 | 524.11 |
| 7557 | Grupp Armar tal-Festa | Jum il-Vitorja u Indipendenza | 236.00 |
| 7544 | WasteServ Malta Ltd. | Bring in Sites - Aug 09 | 296.59 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 7559 | Bernardette Pace | Reimbursed Expenses - Bucharest | 109.35 |
| | | **Total Paid** | **54166.48** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**